TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 94/18/F

**Reynold Zammit**

**vs**

**Pulis Stereo Centre Service**

Illum 4 ta' Frar, 2019

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-28 ta' Ġunju, 2018 fejn ir-rikorrenti talab rifużjoni ta' mija u għoxrin Ewro (€120), rappreżentanti ħsarat fl-istereo.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kellu stereo – CD Player, illi kien ftit antik u kellu l-ħsara għax it-tray tas-CD ma bediex joħroġ. Illi ħadu għand is-soċjeta' ntimata sabiex jissewwa u wara ċertu żmien irranġa d-difett li kellu, pero' din id-darba ma bediex idoqq. Għalhekk ir-rikorrenti qed jilmenta li l-intimat għamillu l-ħsara.

L-intimat issottometta illi dan huwa CD stereo antik u li kellu problema fil-laser, u mhux worth it illi ssewwi dan l-istereo għax m'hemmx iktar parts għalih.

It-Tribunal, jinnota illi dan huwa stereo antik, u li huwa magħruf li dawn it-tip ta' CD stereos kienu jbagħtu bil-laser, u li issa mhux worth it illi ssewwih, pero' mhux konvint li l-intimat ikkawża din il-ħsara.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn iż-żewġ partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**